# Inkomplu niċċelebraw

Fl-okkażjoni tal-125 sena mill-miġja tal-Istatwa Titulari


Manoel Pirotta

manoel.pirotta@um.edu.mt



Astratt: Għall-okkażjoni tal-125 sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' San Ġużepp, xogħol l-iskultur Luigi Guacci, xtaqt nikteb xi ħaġa biex nuri kemm l-Għaqda Melita Banda 'San Ġużepp' minn dejjem kienet tagħti sehem soċjo-mużikali f'raħalha. Inzerta f'idejja għandi ktieb tifkira tal-festi ċentinarji mit-twaqqif tal-parroċċa misidjana u li fih insibu programm sħiħ t'attivitajiet mifruxin mid-9 u sat-23 ta' Lulju 1967. Dal-artiklu jagħti ħarsa lejn dal-attivitajiet li kienu saru, fosthom il-programm vokali u strumentali li kien sar fi Pjazza Palma taħt Mro. Philip Gatt, is-sett ta' marċi ġodda li kienu żżanżnu għall-okkażjoni, l-ewwel eżekuzzjoni tal-Innu Solenni lil San Ġużepp, u l-għoti ta' bandalora kommemorattiva mill-Misidjani tal-Awstralja.



Kliem muftieħ: University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda Melita Banda San Ġużepp (Msida), Ċentinarju Parroċċa Msida (1967), Mro. Philip Gatt, Mro. Emmanuel Morello, Albert Marshall.


Kif kien xieraq, għal dal-avveniment importanti fl-istorja tal-knisja parrokkjali tal-Imsida kien tħejja programm bil-għaqal mifrux fuq 15-il jum, bl-attivitajiet jilħqu l-qofol tagħhom bejn il-Ħamis 20 u l-Ħadd 23 ta' Lulju li fiha ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp, patrun tal-Misidjani. Ma setax jonqos li l-banda tal-post tagħti sehemha f'dal-festi ċentinarji; stampat saħansitra programm ta' tifkira speċjali b'20 tebqa għal dil-okkażjoni.




Il-festi tal-Ħamis bdew b'riċeviment lill-membri tal-Banda fil-każin stess fis-7.00 pm. Wara sar daqq ta' marċi brijużi mat-toroq tal-Imsida mill-banda mistiedna *Duke of Cannaught's Own Band* ta' B'Kara. L-għada mbagħad, tbierket il-bandalora kommemorattiva quddiem il-Każin tal-Banda mill-Kappillan Dun A. Pace u ġiet ippreżentata lis-Soċjetà f'isem il-benefatturi tagħha mill-Perit L.A. Naudi. Is-Sur Ġużi Zahra wkoll ippreżenta vetrina bħala rigal għall-istess bandalora. Wara sar diskors tal-okkażjoni mill-President tas-Soċjetà, is-Sur J.M. Cassar Naudi[1] u ndaqq l-Innu lill-Banda Melita, kompożizzjoni tas-Surmast Ph. Gatt[2] u versi tal-poeta Misidjan, Albert Marshall[3]. Aktar tard filgħaxija, il-Banda tar-raħal għamlet 'is-soltu marċi brijużi mat-toroq prinċipali tal-Imsida'. Tajjeb ngħidu li waqt dal-marċ ta' lejliet lejlietha kien iżżanżan sett ta' marċi, tnejn minnhom ġodda mill-pinna tas-Surmast stess - 'Novissima Surgo' (żewġ kelmiet bil-Latin li jidhru fuq l-arma Misidjana u li jfissru 'Ġdida Tielgħa') u 'May Flower'; tnejn oħra ta' missieru - 'Oh! Listen to the

---

[1] 8.04.1925, Msida – 17.02.2015. Kien referee magħruf tal-futbol lokali u internazzjonali. Kien ukoll President tal-Banda Misidjana bejn is-snin 1960 u 1989. Ħadem ħafna fil-qasam tas-Servizzi Soċjali Governattivi. Kariga oħra importanti tiegħu kienet dik fid-Djar tal-Anzjani tal-Istat fejn dam sal-1993. Kien l-ewwel Sindku meta dawn twaqqfu fl-1994. Ingħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika minn idejn il-President Ċensu Tabone (1993). (Fr. Joe Calleja: Dizzjunarju tal-Misidjani)

[2] (12.09.1927 – 16.1.1995). Minn Ħaż-Żabbar. Studja l-mużika taħt missieru, Carmelo Pace u fir-*Royal Air Force School of Music*. Surmast direttur ta' diversi baned, fosthom tal-Banda Melita bejn is-snin 1964 u 1976. Kiteb għadd ta' xogħlijiet għall-banda, fosthom marċi u innijiet. (Dizzjunarju tal-Misidjani)

[3] Twieled fid-29.12.1947. Diplomat fl-Arti Drammatika u gradwat fix-Xandir. Għal xi żmien għex l-Awstralja fejn idderieġa xogħlijiet teatrali u għaqqad xirka b'risq il-kultura Maltija. Kien ukoll organizzatur tal-*Manoel de Vilhena Awards* u ċermen f'bord tal-*Australian National Examinations in the Maltese Language*. Kemm dam hemm ħabrek ħafna biex jara l-kultura u t-talent Malti jimxu 'l quddiem. Fis-90ijiet reġa' ġie jgħix f'Malta u okkupa diversi karigi importanti. Ktieb minn tiegħu 'Diaspora' (1997) kien ġie mitbugħ fl-Awstralja. (Dizzjunarju tal-Misidjani)

Band' u 'Omm Sid(t)na'; marċ ieħor ta' Morello[4], eks-surmast tas-Soċjetà li bagħtu mill-Awstralja - 'Josephine and Barbara'; 'The Brave Bull' tas-Surmast Johnny Mick, it-tifel tas-Surmast R. Micallef; tlieta oħra mis-surmastrijiet C. Zammit - Blue Horizon'; L. Bongailas – 'Golden Flowers'; J. Calleja – 'Carmen'. B'kollox, kien hemm disa' marċi. Dawn kienu nstemgħu wkoll minn fuq ir-Rediffusion nhar il-festa @ 2.00 pm.

Il-festi ċentinarji komplew l-għada lejlet il-festa b'marċ qasir mill-knisja tal-Ursolini sal-pjazza, u wara, b'programm vokali u strumentali fuq il-planċier[5] taħt il-bakketta ta' Mro. Gatt. F'dal-kunċert kienu ħadu sehem ukoll is-solisti A. Sapiano (Tenur) u J. Aloisio (Baritonu), kif ukoll il-Kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia. Il-programm fetaħ bl-Innu tal-Papa u l-Innu Popolari 'San Ġużepp'.



Is-Surmast Żebbuġi, Mro. Philip Gatt (1927-1995), li kkompona l-Innu l-Kbir (1967)

Imbagħad kien imiss l-eżekuzzjoni tant mistennija tal-Innu lill-Kbir Patrijarka San Ġużepp[6], miktub għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju mis-Surmast tal-Banda fuq versi tal-poeta Misidjan, Albert Marshall. Il-versi tiegħu kienu dehru f'paġni 14 u 15 tal-programm tifkira u fih mhux anqas minn sitt strofi bi tmien versi l-waħda li bejniethom jispjegaw 'l-imħabba tal-Misidjani lejn San Ġużepp; iħasseb lill-Misidjani jekk l-Imsida tisfa mingħajr il-Patrun tagħha.' Fl-Innu Solenni hemm ukoll 'it-talba tal-Misidjani lill-Missier tagħhom' li ma tonqos qatt, filwaqt li 'l-final grandjuż u ħaj' jfakkar u jġedded 'l-għaqda bejn San Ġużepp u kull Misidjan'.



Albert Marshall, kittieb Misidjan, l-awtur tal-Innu l-Kbir (1967)

Wara d-daħla tas-sinjuri mistednin fil-Każin, il-programm issokta bid-daqq ta' selezzjoni mill-musical show 'South Pacific' ta' R. Rodgers, il-'Coro di Zingarelli e Mattadori' mit-tieni att tal-Opra 'La Traviata' ta' G. Verdi, u għalaq bil-marċ korali 'Joyful Day' ta' missier is-Surmast li kien miet sena qabel il-festi ċentinarji. Fl-aħħarnett, indaqqew l-innijiet tal-Banda[7] u dak Nazzjonali. Dakinhar tal-programm kien sar ukoll diskors tal-okkażjoni mill-President tas-Soċjetà, ġew ippreżentati mementos lis-Surmast, lill-poeta u lis-segretarju, u ngħataw xi brieret lill-allievi.

L-artikli kollha li dehru fil-programm tifkira kienu dawn :-

| | |
|---|---|
| p. 2 | 'Kelmtejn ta' Qabel' mill-President tas-Soċjetà, J.M. Cassar Naudi. |
| p. 5 u 7 | 'Tħejjijiet Mużikali fl-okkażjoni tal-Ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa tal-Imsida.' |
| p. 13 | 'Ir-Rigal Awstraljan – Bandalora Oħra Kommemorattiva mill-Awstralja'. |
| p. 17-18 | 'Is-Soċjetà Tħares 'il Quddiem'. |
| p. 19-20 | 'Il-Bandalora – Lista tal-Benefatturi u Rendikont'. |

[4] Morello Emmanuel (29.9.1909 – 23.7.1984): Għadu tfal safa ltim u ntbagħad fl-Istitut ta' San Ġużepp fejn hemmhekk għadda l-Gwerra tal-1914. Kien hemm li ħa l-ewwel lezzjonijiet tal-mużika mingħand il-Brothers Franċiżi li kienu jmexxu l-Orfanatrofju. Fl-1919 ħalla l-Istitut biex isib jaħdem xogħol u b'hekk ikun jista' jkompli jistudja u jipprattika l-klarinett. Ngħaqad mal-R.M.A. bħala *Bandboy* u kompla fis-servizz għal 33 sena sħaħ fejn ġieli dderieġa lill-Banda bħala *Band Sargeant*. Kien ukoll Surmast tal-Banda Misidjana bejn is-snin 1947-64 meta mbagħad iddimetta u mar jgħix l-Awstralja. Għal xi snin kien ukoll iħabbat mal-Banda 'Vittoria' tal-Mellieħa. Fost xogħlijietu nsibu diversi marċi u żewġ innijiet lil San Ġużepp. (Dizzjunarju tal-Misidjani u Programm tifkira tal-Kunċert Vokali u Strumentali mill-Banda Nazzjonali ta' Malta fir-*Radio City Opera House* tas-Sibt, 25 ta' Frar 1961)

[5] Dan kien mikri mill-Banda Karkariża u baqa' armat għal nhar il-festa biex il-baned mistednin setgħu jdoqqu minn fuqu.

[6] Dal-Innu kien ġie deskritt bħala 'biċċa xogħol li tpaxxi 'l-widna ta' min japprezza; jagħti pjaċir lid-dilettant u jħajjar lill-kritiku jiddiskrevih'.

[7] Dan kien ngħata mis-Surmast lis-Soċjetà fl-1972 f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha.

Dal-artiklu qed jidher għal erba' raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġużepp li qed tiġi solennement iċċelebrata ġewwa l-Imsida; (b) 150 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tal-Imsida; (ċ) 50 sena mill-okkażjoni tal-festi tal-ewwel ċentinarju tal-istess knisja parrokkjali; (d) 20 sena mit-twaqqif tal-UoM JC Orchestra taħt il-bakketta tiegħi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)